# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Edwina Grima**

**Appell Numru: 8/2017**

Il-Pulizija

vs

**Wayne Caruana**

iben Leonard, imwieled Pieta', fis-6 ta' Frar, 1982, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 103182(M).

Illum, 6 ta' Frar, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Wayne Caruana quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Talli fil-wieħed u tletin jum (31) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sittax (2016) għall-ħabta tat-tmienja u għoxrin ta' filgħaxija (20:20) seraq tlett mija u ħamsin euro (€350) minn ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Convenience Shop sitwat ġewwa Triq l-Isqof Emmanuel Galea fiż-Zejtun liema serq kien ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn u li ma jeccedix l-elfejn

tlett mija u disa’ u għoxrin euro u sebgħa w tletin ċenteżmu (€2329.37), u bil-ħin, u li sar għaddannu ta’ Charles Vella u/jew ta’ xi persuna/i w/jew ta’ xi entita’ u/jew entitajiet oħra;

2. ġie akkużat ukoll talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skont il-liġi tal-awtorita’ kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Noeleen Borg, Mariella Agius, Sadie Bunce u Dolores Aquilina kontra l-volonta’ tagħhom ;

3. ġie akkużat ukoll talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi ġarr il-barra minn xi fond jew iddintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta ta’ liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

Illi l-Qorti ġiet ġentilment mitluba wkoll sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-liġijiet ta’ Malta;

Illi finalment il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-liġijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta’ Jannar, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l- il-fedina penali tiegħu li hi kwazi netta tant li ma kinetx addebittata r-ricediva, skuza ruhu mal-vittmi prezenti fl-awla, element important hafna tal-gustizzja riparattrici fejn hati jiffaccja l-vittma tieghu u jitolbu skuza, li rritorna l-flus misruqa lura u li kien hemm qbil bejn il-partijiet dwar il-piena.

Li għar-ragunijiet premessi, filwaqt li sabet lil Wayne Caruana ħati tal- imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu wara li rat l-Artikolu 86, 87(1)(e), 261, 262(1)(a)(b)(2), 267, 270, 275, 276, 279(a), 280(2) tal-Kodici Kriminali u Artikoli 6, 51(7), 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta kkundannatu għall- perjodu ta’ tmintax (18) –il xahar priġunerija.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28G(1) tal-Kodiċi Kriminali b'zieda mal-piena aktar il-fuq inflitta għamlet ordni ta' supervizjoni (hawnhekk izjed 'il quddiem imsejħa "ordni ta' supervizjoni") li permezz tiegħu qegħdet lill-ħati taħt is-supervizjoni t'Ufficjal Sorveljanti għal perijodu ta' tliet snin millum.

Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' superviżjoni kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jagħmel reat ieħor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza mogħti lilu illum nonche l- konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'kaz ta' nuqqas t'adezjoni mat- termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' superviżjoni bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Ufficjal Sorveljanti biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati.

L-Uffiċjal Sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Inoltre, wara rat ukoll li fic-cirkostanzi tal-kaz huwa indikat li l-ħati jitqiegħed taħt ordni ta' trattament skont l-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, stante li l-Qortit qiest li huwa meħtieg li l-ħati jigi mgħejjun jegħleb diffikultajiet psikologici li jidher affetwat minnhom inkluz l-abbuz minn drogi u li qed iwasluh ukoll biex jiddelinkwi. Għalhekk ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti poggiet lill-ħati taħt Ordni ta' trattament u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' trattament għal perjodu ta' tliet snin millum. Il-Qorti fehmet bi kliem car u li jinftiehem il-portata ta' din l- ordni u l-konsegwenzi li l-ħati jkollu jaffaccja fil-każ li huwa jonqos milli jwettaq din l-ordni skont kif ordnat lilu.

Finalment, il-Qorti ordnat li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien sitt ijiem tax-xoghol.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fis-17 ta' Jannar, 2017 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi tneħħi l-ordni ta' superviżjoni li ngħatat ai termini tal-arikolu 28(G) u tikkonfermaha fil-kumplament.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi ai termini tal-artikolu 392A, fil-ħames (5) jum ta' Jannar l-esponent irċieva l-atti proċesswali mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) flimkien ma' kopja tas-sentenza fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat in kwantu li l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet applikazzjoni żbaljata tal-liġi meta tat ordni ta' superviżjoni taħt l-artikolu 28(G) u dana hekk kif ser jiġi spjegat;

Illi a skans ta' kull ekwivoku jingħad li dan l-appell jitratta biss l-imsemmija ordni ta' superviżjoni u xejn aktar u bla ebda mod ma huwa qed jingħad li l-piena għandha tiġi varjata. Illi l-esponent jaqbel assolutament mal-mod u l-manjiera kif l-ewwel Qorti trattat mal-imputat kemm meta ddeċidiet li tingħata priġunerija bħala piena kif ukoll li jkun hemm xi forma ta' superviżjoni fuq l-appellat. Illi minkejja dan peress li fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ġustament tat priġunerija allura l-istess Qorti ma setgħatx tinvoka l-artikolu 28(G) peress li dan l-artikolu jiġi applikat biss meta tingħata sentenza sospiża bil-konsegwenza li b'hekk inħolqot problema oħra fir-rigward l-inkarigu li ngħata lill-uffiċjal tal-probation għal dan il-għan;

Illi *ciononostante* l-ewwel Qorti ma kellhiex għalfejn toħroġ ordni ta' superviżjoni meta hi stess imponiet fuq l-appellat ordni oħra ta' trattament għax bis-saħħa ta' din l-ordni ta' trattament hemm kundizzjoni speċifika li l-ħati jrid jżomm kuntatt mal-uffiċjal tal-probation b'dan tal-aħħar jirraporta lill-istess Qorti bil-miktub l-andament tal-ħati kull sitt (6) xhur u kwindi din l-ordni fiha nnifisha qed isservi bħala mezz ta' superviżjoni wkoll. Illi *di piu* galadarba tali ordni ta' tarttament saret għal perjodu ta' tlett snin l-imsemmija kundizzjoni se tibqa' effettiva anke wara li l-appellat ikun skonta l-piena karċerarja.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-appell ta'l-Avukat Generali huwa limitat ghall-Ordni moghtija mill-Ewwel Qorti addizzjonalment mal-piena karcerarja ta' tmintax-il xahar erogata fil-konfront tal-appellat, fit-termini ta'l-artikolu 28G tal-Kodici Kriminali.

Jishaq l-Avukat Generali illi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tordna il-hurg ta' Ordni ta' Supervizjoni u dan meta fil-piena erogata ma gewx applikati id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali ghaliex il-piena karcerarja imposta kontra l-appellat kienet wahda ta' prigunerija effettiva u mhux sospiza.

Illi din il-Qorti tistqarr minnufih illi l-Avukat Generali ghandu ragun. Illi l-artikolu 28G tal-Kodici Kriminali jiddisponi testwalment:

"Meta **sentenza ta' iktar minn sitt xhur priġunerija tkun ġiet sospiża** skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28A(1), il-qorti tista' b'żieda tagħmel ordni ta' superviżjoni f'sentenza sospiża (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ordni ta' superviżjoni") li jqiegħed lill-ħati taħt is-superviżjoni ta' uffiċjal sorveljanti għal perijodu li jiġi speċifikat fl-ordni, li jkun perijodu li ma jkunx iktar mill-perijodu operattiv."

Illi t-termini ta' din id-disposizzjoni tal-ligi huma cari u ma jenhtiegu ebda interpretazzjoni. Gjaldarba is-sentenza moghtija ma kenitx wahda fit-termini ta'l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, l-Ewwel Qorti kienet prekluza milli tordna il-hrug ta' Ordni ta' Supervizjoni fit-termini ta'l-artikolu 28G hawn fuq iccitat.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-Avukat Generali tghaddi ghalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant gie misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u fejn gie ikkundannat ghal perijodu ta' tmintax-il xahar prigunerija u fejn ordnat il-hrug ta' Ordni ta' trattament fit-termini tal-artikolu 412D tal-Kodici

Kriminali, izda tirrevokaha fejn gie ordnat il-hrug ta’ Ordni ta’ Supervizjoni fit-termini tal-artikolu 28G tal-Kodici Kriminali.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deutat Registratur